KUNSILL LOKALI
QALA

**MINUTI LAQGĦA NUMRU 11**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

L-Erbgħa, 15 ta' Jannar 2025

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum il-Erbgħa, 15 ta' Jannar, 2025, fl-16:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Noel Mizzi – Viċi Sindku
Karl Buttigieg Buttigieg – Kunsillier
Rene Abela – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak - Kunsilliera

ASSENTI B'APOLOĠIJA (skond Ordni Permanenti 14A(3)):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Heidi Grech- Deputat Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 11.1 Talba

11.1 Il-laqgħa bdiet fl-16.30pm. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

## 11.2 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

11.2 Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ informal ill-membri li l-Kunsilliera Valerie C Mejlak kienet se tittardja. Il-membri l-oħra kienu kollha preżenti.

*16.42 Is-Sindku ssospenda l-laqgħa sabiex jisma xi residenti li kienu preżenti.*

*16.58 Il-laqgħa tkompliet.*

## 11.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti Nru 10 u tal-Iskeda ta' Pagamenti numru 1.

11.3.1 Il-Minuti numru 10 kif ukoll l-iskeda ta' ħlasijiet bin-numru 1/2025 ġew ċirkolati minn qabel u għalhekk kienu meqjusa moqrija. Dawn ġew approvati unanimament.

## 11.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku talab li għandna tiġi diskussa z-zebra crossing ta' quddiem il-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kamra li irċivejna ittra legali mingħand Dr. Chris Cilia għan-nom ta' resident li qed jitlob li titkompla z-zebra crossing. Spjegat ukoll li kif ġie kkomunikat b'imejls, l-Perit tal-Kunsill kien ipprepara minor amendment li ntbagħtet lil Transport Malta. Dan sabiex l-arblu tal-faċċata jimxi madwar metru. Is-Sindku spjega li jaqbel bi sħieħ u jinsisti li x-xogħol għandu jibda minn għada. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ stqarr li din iz-zebra crossing ilha għaddejja għal aktar minn 6 snin u ma għandu l-ebda problema li x-xogħol jibda minn għada, l-aqwa li ma jiġix ostkolat il-bieb tar-resident. Il-membri kollha qablu li x-xogħol għandu jibda għada sabiex din titlesta malajr kemm jista jkun.

Il-laqgħa tkompliet skont l-aġenda u s-Sindku għarraf lill-membri preżenti:

- Semma li wara li wettaqna l-programm tal-Milied, nhar is-6ta' Diċembru ttellat is-serata ta' Ġieħ il-Qala fejn fiha il-Kunsill irrikonoxxa l-ħidma ta' persuni li għamlu unur lill-Qala. Din is-sena dan l-unur ingħata lill-Kavallier Dr. Raymond Xerri li mhux biss ħadem għall-Qala u l-Qalin, iżda wkoll fil-karigi tiegħu barra minn pajjiżna ħadem u għen b'modi differenti lil-bosta persuni. Irrikonoxxejna wkoll Hidmet iż-żgħażagħ li din is-sena ingħata liż-żgħażugħ Shaun Sultana li għamel isem u unur lill-Qala permezz ta' kisbiet li



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

għamel fid-dixxiplina tal-isnooker kemm lokali kif ukoll internazzjonali. Is-Sindku awguralhom jkomplu jagħmlu unur lilhom infushom kif ukoll lil Qala.

- Semma li fit-13,14 u 15 ta' Diċembru flimkien mal-Għaqda Briju San Ġużepp ittella l-programm sabiħ ta' attivitajiet fil-Pjazza li kienet ta' suċċess kbir. Is-serati kienu mimlija kant, zfin filwaqt li l-pjazza kienet mżewqa b'suq tal-Milied fejn wieħed seta jgawdi minn għażla ta' prodotti lokali. Ittellat ukoll parata tal-Milied fi Triq it-28ta' April 1688. Il-Kunsill irċieva kummenti pożittivi ħafna għal l-attivitajiet sbieħ li kellna għal dan iż-żmien tal-Milied, fejn il-Pjazza kienet miżgħuda bin-nies. Kien hemm ukoll Fr. Christmas kif ukoll is-Snow machine. It-tfal li attendew setgħu jibgħatu l-ittra lil Fr. Christmas u dawn irċivew ittra lura bil-posta. Dan kollu jinkorriġina sabiex nkomplu nkabbru dak li irnexxulu jsir din is-sena. Irringrazzja bi kbir lill-ħaddiema kollha tal-Kunsill, lis-Segretarju Eżekuttiv u lill-Viċi Sindku u lil-Kunsillier Rene Abela li kellhom dan id-dekasteru kif ukoll lil Għaqda Briju San Ġużepp li grazzi għal ħidma ta' kulħadd flimkien seta jsir dan is-suċċess.

-Fit-18ta' Diċembru flimkien mall-Kunsillier Karl Buttiġieġ li taħtu jaqda d-dekasteru tal-Edukazzjoni, tqassmu l-kotba lit-tfal tal-iskola primarja tal-Qala. Dan sabiex it-tfal jkunu inkoraġġuti jżidu fil-qari. Dawk it-tfal li ma jattendux l-iskola tal-Qala, kellhom l-opportunita' ukoll biex jiġbru l-ktieb tagħhom mill-uffiċċju tal-Kunsill sas-Sibt, 21ta' Diċembru 24.

- Fis-16ta' Diċembru saret il-ħarġa soċjo-kulturali għall-Malta li ssir kull sena fi zmien il-Milied. Żaru diversi postijiet fosthom il-Palazz ta' Sant Anton fejn kien ta' unur kbir għall-Qalin li konna mistednin niltaqgħu mal-Eċċellenza tagħha l-President. Myriam Spiteri Debono. Kien ta' pjaċir li qattgħat ftit ħin biex titkellem ma' kulħadd. F'isem ir-residenti tal-Qala, ippreżentajnilha rigal żgħir li kien luzzu bil-qlugħ magħmul bl-idejn. Żorna wkoll Ħal Qormi u l-Belt Valletta. Is-Sindku semma li peress li kien hemm fotografu uffiċċjali tal-President li ħa xi ritratti ta' din l-okkażjoni u kien hemm min xtaq kopja tar-ritratt bħala tifkira, huwa għamel kopja tal-grupp photo u tah lil kull min kien ġie. Żid jgħid li l-ispiża għal dawn ir-ritratti ħallashom hu personalment.

- Fis-17ta' Diċembru, f'isem il-Kunsill lokali tal-Qala, ippreżenta rigali lil mart il-Prim Ministru għall-kampanja bl-isem Rigal b'Imħabba immirata biex tgħin lit-tfal anqas ixxurtjati.

- F'Jum il-Milied, Fr. Christmas dar bis-sledda mal-Qala u semma li qassmu wkoll 18 il-ikla lir-residenti li kienet organizzata mir-Reġjun ta' Għawdex. Semma li dawn l-ikliet qassamhom bil-karozza tiegħu. Fakkar li s-sena l-oħra kien hemm min għadda ritrtatt tiegħu lil-midja juri lilu jqassam bit-trukk tal-Kunsill bħal li kieku kien qed jagħmel xi ħaġa ħażina.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

- Harġa f'Malta għaż-żgħażagħ li saret b'kollaborazzjoni mal-Paroċċa tal-Qala ġabet fi tmiemu l-programm ta' attivitajiet tal-Milied.

- Kien qed isir xogħol ta' tħaffir f'Hondoq li huwa biss intis għal geological study tar-rock formation sabiex il-quddiem is-sajjieda u n-nies ikunu jistgħu jgawdu mill-upgrade tal-landing sites u l-moll. Dan ix-xogħol qed isir mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar.

- Beda x-xogħol ta' immodernizzar fil-Lattrina Pubblika u għalhekk il-Kunsill ħareġ avviz li mis-Sibt, 4ta' Jannar latrina waħda kienet se tkun magħluqa biex jibda x-xogħol fuqha filwaqt li l-oħra ser tkun miftuha u tista tintuża minn kulħadd. Semma li bħal ma kien ġie kkomunikat b'imejl, żidna ftit madum bi spiża ta' madwar 648Euros. Il-membri preżenti qablu unanimament.

- Informa lill-membri li l-Enemalta tat id-dawl għas-sett ta' ħames fanali tal-pjazza Isqof Mikiel Buttiġieġ. Semma li waqt li kien qed isir ix-xogħol ta' tarmak f'din il-Pjazza, sar ix-xogħol ta' preparazzjoni għal sistema ġdida ta' pajpijiet u wires kif ukoll tal-earth electrode biex jiġu evitata problemi fil-futur u jiġi evitat il-bżonn li jerġa jitkisser it-tarmak.

- Semma li kien diġa ġie maqbul fil-laqgħa preċedenti li bħas snin l-imgħoddija jsir id-daqq tal-Milied fil-Pjazza pero din is-sena minkejja li l-iskrivana kitbet uffiċjalment lil Ivan Cefai li huwa responsabbli mir-radio leħen il-Qala biex jixgħel mit-12ta' Diċembru, dan sal 21ta' Diċembru kien għadu ma xegħelx. Żid li hu kiteb ukoll lil Cefai u saret komunikazzjoni mal-iskrivana fejn ġejna nfurmati li se jixgħel fil-21ta' Diċembru għaliex hemm il-ħsara. Spjega li hu sar jaf verzjoni oħra u għalhekk kiteb lill-paroċċa u lil-istess Cefai għaliex kien sar jaf li ma kien hemm ebda ħsara imma l-kamra fejn hemm l-apparat huwa msakkar u minħabba li l-uniku persuna li għandha ċ-ċavetta hija Valerie li kienet tinsab imsiefra, ħadd ma seta jaċċessa dan l-apparat. Kompla jgħid li dan inxtegħel wara li hi waslet lura Malta, jiġifieri fil-21ta' Diċembru. Qal li hu kiteb imejl dwar dan kollu u Valerie li ma kellha xejn x'tgħid ħlief li għajjret lis-Sindku Buffu u min naħa l-oħra, radju leħen il-Qala filwaqt li ma ċaħdux dak li kien allega s-Sindku infurmawh biex darba oħra jikteb lir-Radju dirett u mhux lil Cefai, kif ukoll qalulu li min kellu aċċess għal dik il-kamra ma kinitx affari tiegħu.

- Semma li beda jiġi riklamat il-kors tal-Pilates kif kien ġie maqbul fl-aħħar laqgħa u diġa nkitbu 18 il-persuna. Kien hemm qbil li jekk jinkitbu ammont kbir jinqassmu f'żewġ lezzjonijiet.

- Semma li l-problema ta' skart fl-area ta' Kassja jidher li ssolviet wara li l-Kuntrattur kesa t-triq bis-siment. Inqala wkoll l-arblu li kien fih ħafna wires u l-eletrician tal-Kunsill qed jaħdem fuq kaxxa ġdida biex il-quddiem tintuża għal proġett tal-Playing field.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

- Ippropona li ssir ħarġa soċjo kulturali oħra għal festa ta' San Valentino. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

- Semma li ġie kkuntatjat minn Reġjun Għawdex biex il-Qala tiġi nkluża fl-Opening fis-serata tal-Kultura bid-dati li se jkunu 1 jew 2 ta' Frar 24. Huwa maħsub li l-Qlaa li hija sinonima mal-graffiti u ma San Kerrer ssir attivita' il-Kunċizzjoni. Zid li nforma lill-Arċipriet dwar dan u l-ġurnata ser tiġi deċiża bejn l-Arċipriet u l-organizzaturi. L-Arċipriet ressaq it-talba għal €250 għas-servizz li se jagħtu. Dawn il-fondi se jitħallsu mill-Kunsill u jiġu rifużi mir-Reġjun Għawdex. Kien hemm qbil dwar dan.

- Semma li Viċi Sindku ħadem mal-MGP sabiex ħejjew programm għall-Karnival. Bħal ma kien ġie maqbul, id-data ser tkun is-26ta' Frar mis-6.30 il-quddiem. Irringrazzja lill-Ministru Għal Għawdex li ser jiffinanzja l-attivita' kollha ħlief id-dawl, l-PA system u l-momentos li jingħataw.

- Semma li l-globi tad-dwal tal-Pjazza spiċċuti u ippropona li jinbidlu. L-prezz huwa ta' madwar €100 il-wieħed. Is-Sindku ppropona li għandna nordnaw globu żejjed f'każ li jinkiser xi wieħed. Kien hemm qbil li dawn jinbidlu.

- Semma li ġie l-Kumitat tat-toroq u ser jibdew id-door numbering fil-Housing Estate ta' Kassja.

- Is-Sindku ippropona li s-Segretarju Eżekuttiv għandha tingħata l-Performance Bonus in full, jiġifieri ta' 10%. Kien hemm qbil unanimu tal-membri kollha preżenti.

## 11.5 Proġett – Latrina Pubblika fi Triq 28ta' April 1688

Dan ġie diskuss f'punt 11.4.

## 11.6 Fanali tal-Pjazza

Dan ġie diskuss f'punt 11.4.

*17.32 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak daħlet fil-kamra*

## 11.7 Ħruġ u għoti ta' Offerti

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-kamra li l-offerti għal-tisbiħ ta' roundabouts ser tagħlaq fis-17ta' Diċembru 24.

*17.38 Is-Sindku ssospenda l-laqgħa minħabba li kien wasal l-Avukat tal-Kunsill Dr. Mario Scerri*

*17.40 Il-Laqgħa tkompliet*



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Fil-prezenza tal-Avukat ġie ffirmat il-Kuntratt ta’ bejn il-Kunsill u l-Qala Saints Football Club. Dan il-Kuntratt jgħid illi l-Kunsill qed jgħaddi parti minn Ġnien il-Ħajja f’idejn il-Qala Saints Football Club għal snin, jiġifieri sa terminu tal-Kuntratt li l-Kunsill għandu mal-Lands, hekk kif kien ġie approvat b’vot ta’ 3-2 fil-laqgħa tal-Kunsill numru 9. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak kif ukoll il-Kunsillier Karl Buttiġieġ sostnew li huma ma kienux qed jaqblu ma dan.

## 11.9 Korrispondenza, Materja Amministrattiva, Ilmenti u Suġġerimenti

- Ittra mill-Avukat Dr. Mario Scerri dwar il-Każ Prestige Holidays vs Kunsill Lokali Qala. Il-kontenut ġie nnotat.
- Talba mingħand GymPro għal-kooperazzjoni u support biex tittella attivita’ relatata ma Gymnastics. Il-Kunsill ħa nota ta’ dan.
- Ġiet ippreżentata d-drawings ta’ Traffic Managament ta’ Triq Papa Piu hekk kif ippreparha l-Perit tal-Kunsill Kurt Scicluna. Il-Kunsill qabel li dan il-pjan ma jiġix implimentat minħabba n-nuqqas ta’ parkeġġ. Madanakollu, l-Kunsill unanimament qabel li għandhom isiru l-linji sofor li kienu hemm fl-istess triq qabel ma din inkisjet bit-tarmak. Il-Kunsill se jieħu ħsieb li l-linji sofor li kienu diġa hemm jerġgħu isiru.
- Tressqet imejl li l-Kunsill irċieva mingħad residenta fi Triq 28ta’ April 1688. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut.
- Ċirkulari numru 06/2024 dwar l-Allokazzjoni Finanzjarja għall-Kunsilli Lokali 2025.
- Korrispondenza mingħand Enemalta dwar il-bozoz tat-toroq fil-Qala. Il-kontenut ġie nnotat.
- Talba minn resident għas-sinjali sofor fil-kantuniera ta’ Triq il-Wardija. Kien hemm qbil sabiex titressaq it-talba lil TM.
- Korrispondenza mill-MGP għall-Kollaborazzjoni dwar Gozo Album Project. Kien hemm qbil sabiex nikkolaboraw.
- Korrispondenza mingħand il-Lands Dept dwar dawn it-toroq:
  Trejqa ta’ HAtar, Triq tas-Surgent, Alley1&2 fi Triq Andar ix-Xaghri, Alley fi Triq Wardija, Alleys 1 u 2 fi Triq 28ta’ April 1688. Kien hemm qbil li nistaqsu lil Perit tal-Kunsill biex jiċċekja dwar dawn it-toroq kif ukoll dwar Triq taċ-Ċawl.
- Imejl mingħand resident sabiex is-CCTV camera ta’ Triq Ċini iddur minħabba li qed tagħti għal fuq ir-residenza privata tiegħu. Il-Kunsill ħa ħsieb sabiex din tranġat minnufih.
- Imejl minn TM dwar ir-rilokazzjoni tal-Bus Stop tal-Kunċizzjoni. Il-Kunsill qabel li ġaladarba ma hemmx alternattiva, din għandha tibqa fejn hi.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

- Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-ispiża totali tal-Attivitajiet tal-Milied. Il-kontenut ġie nnotat.
- Imejl minghand Reġjun Għawdex dwar l-attivita' relatata mal-attivita' tal-Kunċizzjoni li se ssir fl-1 jew 2 ta' Frar 2025. Il-Kontenut ġie nnotat.
- Talba mingħand resident għal linji sofor fi Trejqa ta' Hatar. Kien hemm qbil li nressqu t-talba lil TM.
- Parkeġġ riservat fi Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġezzjoni.

## 011.9 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

**Mill-Viċi Sindku**

- Informa lill-membri li flimkien mal-uffiċċjal tal-MGP qed jaħdem biex jippreparaw programm tal-Karnival għal Qala li se jkun imħallas mill-MGP. Id-data ma kienx hemm kontrol fuqha. Is-Sindku żid li l-artwork huwa wkoll f'idejhom u ssuġġerixxa li din is-sena ssir banner bid-data. Kien hemm qbil ma dan.

**Mill-Kunsillier Karl Buttiġieġ**

- Ressaq it-talba biex issir mera fi Triq il-Wileġ, faċċata ta' squq li għandu Keep Clear.
- Ssuġġerixxa li nistiednu lil professjonisti biex jagħmlu talk dwar l-AED fil-ħarġa soċjo-kulturali. Kien hemm qbil dwar dan.
- Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat id-disinn tal-Van u ġie deċiż li artwork ikun hemm biss fil-ġnub.

**Mill-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak**

- Ressqet il-bżonn li jerġa jinbena l-ħajt tas-sejjiegħ li hemm int u nieżel Daħlet Qorrot.
- Fakkret fiż-2 zebra crossings li l-Kunsill kien qabel fuqhom, waħda quddiem l-iskola u l-oħra quddiem il-ground tal-futboll. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmata li dawn għandhom jidħlu fil-budget ta' din is-sena.
- Isiru sqaqin fi Triq 28ta' April. Is-Sindku nfurmha li qed naħdmu biex naraw humiex privati jew pubbliċi.
- Staqsiet jekk il-fuljett tal-Milied kienux kollha bl-Ingliż. Is-Sindku nfurmha li kienu bil-Malti u tqassmu fid-djar kollha. Pero' saru wkoll ftit bl-Ingliż għal benefiċċju tal-barranin u dawn setgħu jinġabru mill-Kunsill.
- Ressqet it-talba għal sign fi Pjazza Indipendenza, biex min ikun ġej minn Qala Rd jdur mar-roundabout biex jikser għal Grunju Street.
- Staqsiet meta se jsiru l-linji sofor ta' Triq Papa Piu. Is-Sindku weġibha li aktar kmieni f'din il-laqgħa, l-Kunsill qabel li għandhom jerġgħu jsiru.
- Talba għal refreshing tal-linji sofor ta' quddiem residenza No 2, Triq il-Belveder.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

- Reġat talbet għal-laqgħat tal-Kunsill biex jitilgħu online għaliex in-nies talbuhomlha.
- Staqsiet lis-Sindku kif daħħal lilha fil-kwistjoni tad-daqq tal-Milied tal-Pjazza. Hija qalet li l-kamra mhux tagħha u tieħu ħsiebha l-knisja. Għandhom iċ-ċavetta taċ-ċentru u messhom daħlu. Semmiet li meta ħadet ħsieb hi li tixgħel it-riq din xegħlet fl-1 ta' Diċembru u issa xegħlet fit-13ta' Diċembru.
- Semmiet li hi issemmiet fl-aħħar laqgħat meta kienet assenti, fejn intqal li Heidi qed titlaq minħabba fiha. Hi staqsiet lis-Seg. Eżekuttiv jekk hux qed titlaq minħabba fiha jew minħabba s-Sindku. Kompliet illi f'dawn l-aħħar seba' snin kienu telqu 6 ħaddiema minħabba s-Sindku u dawn semmiethom b'isimhom. Fakkret lis-Seg. Eżekuttiv kemm kienet qalet kontra s-Sindku.

*18.16 Is-Sindku ssospenda l-laqgħa minħabba li kien wasal l-Avukat tal-Kunsill Dr. Mario Scerri*

*18.30 Il-Laqgħa tkompliet*

Fil-prezenza tal-Avukat ġie ffirmat il-Kuntratt ta' bejn il-Kunsill u l-Qala Saints Football Club liema kuntratt kien ġie iċċirkolat lill-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa. Dan il-Kuntratt jgħid illi l-Kunsill qed jgħaddi parti minn Ġnien il-Ħajja f'idejn il-Qala Saints Football Club sat-terminu tal-Kuntratt li l-Kunsill għandu mal-Lands, hekk kif kien ġie approvat b'vot ta' 3-2 fil-laqgħa tal-Kunsill numru 9. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak kif ukoll il-Kunsillier Karl Buttiġieġ sostnew li huma ma kienux qed jaqblu ma dan.

- Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet illi tikkonferma illi waslet għad-deċizzjoni li titlaq, kollu minħabba l-aġir inetiku u inaċċettabli tal-Kunsilliera Valerie C Mejlak fil-konfront tas-Segretarju Eżekuttiv personalment u dan waqt il-qadi ta' dmirijietha. Fakkret lill-Kunsilliera fi kliem inetiku li kienet qalet hi stess waqt il-laqgħat. Il-Kunsilliera Valerie C Mejlak qalet illi hi ġiet imgidba fuq il-minuti mis-Seg. Eżekuttiv. Is-Seg. Eżekuttiv irribattit illi dawn huma kollha allegazzjonijiet infondati. Fil-minuti dejjem kitbet dak li jkun intqal. Il-laqgħat huma kollha recorded u fil-laqgħat ikun hawn il-membri kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv stqarret li ħadmet mill-qalb għall-ġid tal-Qala u r-residenti Qalin. Ma kellha ebda problema taħdem ma ħadd u tittama li l-Kunsill isib mezz kif jkompli bil-ħidma għall-ġid komuni fil-Qala.

**Mill-Kunsillier Rene Abela**

- Ressaq it-talba għal mera xħin titla minn Triq in-Nadur. Issir biex tara min ħiereġ minn Triq il-Mitħna. Kien hemm qbil dwar dan.
- Talba għal mera oħra int u tiela mill-Kunċizzjoni minħabba li dik li hemm imkissra.
- Fakkar fl-isem ta' Triq il-Mitħna.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

- Semma li hemm 2 ħitan mwaqqa fil-Wied tal-Marġa.  Is-Sindku nfurmah li ġew irraportati lil MGP.

## 011.10 Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ġiet fi tmiema fit-19.35p.m.  Data għal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għada trid tiġi deċiza minħabba li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv preżenti se tispiċċa mill-kariga fit-18ta' Jannar 2025.

Paul Buttigieg
Sindku

Heidi Grech
Deputat Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt